MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 13/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Joseph Spiteri (bin Saviour u Mary Josephine nee Spiteri, imwieled fil-31 ta' Lulju 1955, detentur tal-karta tal-identita` nru 570155M) talli ghax-xahar ta' Novembru 2009 meta hekk ordnat minn Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti lil martu Carmen Spiteri u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment bi ksur tal-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2010 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Spiteri hati

skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-istess Joseph Spiteri, minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar 2010 li permezz tieghu huwa talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant qieghed bazikament jikkontendi li huwa effettivament hallas dak li kien dovut ghax-xahar imsemmi fl-imputazzjoni billi martu, permezz tal-intervent tal-qorti (ta’ kompetenza civili) pprocediet, wara mandat ta’ sekwestru biex tizbanka f’Novembru jew f’Dicembru xi flus minn kont f’ismu u effettivament il-flus waslulha f’Jannar ta’ din is-sena. Issa, anke jekk dan huwa, bhala fatt, minnu -- ghax ma ngabux provi li a bazi taghhom din il-Qorti tista’ tkun sodisfatta mqar jekk fuq bazi ta’ probbabbilita` -- jibqa’ dejjem il-fatt li mart l-appellant thallset il-manteniment ta’ Novembru biss wara li kellha tiehu l-briga tibda proceduri gudizzjarji u titlob l-intervent tal-qorti. Tali “hlas” certament ma hux il-hlas li jitkellem dwaru l-paragrafu (*z*) tal-imsemmi Artikolu 338 tal-Kap. 9. Il-hlas li titkellem dwaru l-imsemmija disposizzjoni huwa hlas li jsir minn min ikun hekk obbligat li jaghmlu proprju in ottemperenza tal-ordni tal-qorti civili kempetenti jew in ottemperanza tal-vinkolu kontrattwali, b’mod li jkun jidher li dak li jkun ikun qed <u>jobdi</u> l-ordni tal-qorti jew <u>josserva</u> l-obbligi minnu assunti (ubbidjenza u osservanza li huma s-substart tal-ordni pubbliku li jigi vjolat proprju meta javvera ruhu n-nuqqas imsemmi fil-paragrafu (*z*)), mentri meta, biex isir tali hlas, il-kreditur ikollu jirrikorri ghand l-awtorita` gudizzjarja, dan ikollu jaghmlu ghax id-debitur ikun <u>naqas milli jobdi l-ordni tal-qorti jew josserva l-obbligi minnu assunti</u>. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li, bl-iskuza li huwa kien dizokkupat, l-appellant qatt ma ottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti Civili, Sezzjon tal-Familja, tal-5 ta’ Jannar 2009. Dan hu rifless fil-hames kundanni precedenti li huwa ghandu ghal reati simili, fejn huwa kull darba nghata

*conditional discharge*. Ovvjament, fl-ahhar, l-ewwel qorti ddecidiet li *enough is enough*, u din id-darba imponiet piena restrittiva tal-liberta` personali. Ghalhekk, anke in kwantu l-appell hu dirett lejn il-piena, din il-Qorti tara li dan hu infondat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------